MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2014

Numru. 1326/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs.**

**Graham Calleja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Graham Calleja**, ta′ disgha u ghoxrin (29) sena, bin Joseph u Irene xebba Habbart, imwieled il-Pietà nhar is-7 ta′ Marzu 1983, residenti gewwa Helios Crt, Flat 3, Triq Bieb is-Sultan, Haz-Zabbar, detentur tal-Karta tal-Identità bin-Numru 147983(M), akkuzat talli:

1. nhar is-17 ta' Novembru 2012 ghal habta tal-ghaxra ta' filghodu (10:00am), fl-inhawi ta' Vjal Kottoner fil-Fgura u f'dawn il-Gzejjer mexxa biljett tal-flus falsifikat li kien jaf li hu falsifikat;

2. fl-istess data, hin u cirkostanzi minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu, biljett tal-flus falsifikat li kien jaf li l-istess kien falsifikat.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 40) datata 30 ta' Mejju 2013 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 45(1) u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-10 ta' Gunju 2013 (*a fol.* 41), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-30 ta' Mejju 2013, f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet, fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2014, is-sottomissjonijiet finali da parti tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 50 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xhieda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' April 2013, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Jurgen Vella** (*a fol.* 8 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu fir-rigward ta' karta ta' mitt Euro (€ 100.00). Fir-rigward tat-tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat, ighid: *"ma rrizulta l-ebda konnessjoni ta' aktar flus jew inkella xi magna, jew xi apparat li jista' jipprocessa dan it-tip ta' flus"* (*a fol.* 9).

Illi, fis-seduta tad-29 ta' April 2013, xehed ukoll **Robert Mifsud** (impjegat fil-Bank Centrali – *a fol.* 18 *et seq.*) u wara li gie muri l-karta ta' mitt Euro (€ 100.00) (Dok. "JV 5" – *a fol.* 17) qal li din m'hijiex karta tal-flus genwina u ta r-ragunijiet tieghu ghal dan.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' April 2013, xehed ukoll **PS 539 Fabian Caruana** (*a fol.* 20 *et seq.*) rigward l-okkorrenza li hejja huwa stess u li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "FC 1" (*a fol.* 22 *et seq.*). Ezebixxa wkoll ricevuta (Dok. "FC 2" – *a fol.* 25) li kien eleva l-karta ta' mitt Euro (€ 100.00) in kwistjoni.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' April 2013, xehed ukoll **Giuseppi Mizzi** (*a fol.* 26 *et seq.*) fejn beda billi qal li huwa jqassam il-gass u li jahdem ma' George Debono. Spjega li kien mar persuna ma jafux biex jixtri l-gass u li kien hallsu b'karta ta' mitt Euro (€ 100.00). Qal li dan kellu vettura Volvo pero ma ftakarx x'numru kellha l-vettura. Jghid li din il-karta ta lill-imghallem tieghu u li dan kien qallu li din il-karta ma kienitx tajba. Mistoqsi jghid jekk il-persuna li tah il-karta jaghrfux minn wiccu, wiegeb: *"Le xejn, xejn"* (*a fol.* 27). Mistieden ihares fl-awla u jara jekk jaghrafx lil xi hadd, wiegeb li ma kien qed jaghraf lil hadd. Jghid li kien ha n-numru tal-vettura tal-persuna li kien xtara l-gass u meta mar jaghmel ir-rapport ghand il-Pulizija qalilhom b'dan in-numru.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 47 *et seq.*) jghid li ma jidhirlux li kien ghen lill-imputat idahhal ic-cilindri tal-gass fil-vettura tieghu. Jghid li l-vettura kienet ipparkjata hdejh. Jixhed li, sa fejn jaf hu, l-imputat kien xtara cilindru tal-gass wiehed biss. Jghid li dakinhar tal-akkadut kien ircievha dik il-karta biss ta' mitt Euro (€ 100.00). Mistoqsi jghid jekk kienx hares lejn din il-karta, ighid li kien iccekkjaha pero xorta ma gharafhiex. Ikkonferma li l-imghallem tieghu nduna li kienet falza. Jispjega li l-imghallem kien tah struzzjoni li kemm jista' jkun ma jaccettax karti ta' mitt Euro (€ 100.00). Mistoqsi jghid ghala ha n-numru tal-vettura in kwistjoni, iwiegeb ghaliex l-imghallem kien qallu biex kull min imur jixtri b'karta ta' mija johdilha n-numru ghax kellhom diga kaz iehor ta' flus foloz.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' April 2013, xehed ukoll **PS 1495 Joseph Muscat** (*a fol.* 30 *et seq.*) fejn qal li kienet giet elevata l-karta ta' mitt Euro (€ 100.00). Jispjega li kien gie nfurmat li kien ittiehed numru ta' vettura li l-bejjiegh tal-gass kien innota. Jghid li mill-istharrig li ghamel irrizulta li din il-vettura kienet tal-imputat.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' April 2013, xehed ukoll **George Debono** (*a fol.* 35 *et seq.*) fejn beda billi qal li Giuseppi Mizzi huwa impjegat tieghu u qal li Mizzi kien ghaddielu karta ta' mitt Euro (€ 100.00) li kienet falza. Spjega li Mizzi kien qallu li din kien ircevieha waqt li kien xoghol fil-Fgura.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk jiccekkawx il-karti tal-flus fl-ahhar tal-gurnata, wiegeb: *"Mhux hekk. Suppost jiccekja hu ifhimni, imbaghad sibhta falza jien"* (*a fol.* 37). Jghid li dakinhar kellu karta wahda biss ta' mitt Euro (€ 100.00). Jghid li ra l-karta in kwistjoni quddiem Mizzi.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2013, xehed l-imputat **Graham Calleja** (*a fol.* 43 *et seq.*) fejn spjega li l-paga tieghu tidhol direttament fil-bank u li l-*overtime* jigi moghti lilu bhala *cash*. Jghid li dakinhar tal-akkadut ried jixtri c-cilindri tal-gass, u peress li fil-kartiera ma kellux bizzejjed flus, mar fejn izomm il-flus, cioé go gakketta gol-gwardarobba, dahhal idu gol-gakketta, hareg l-ewwel karta tal-flus, li kienet karta ta' mitt Euro (€ 100.00), u tefaghha gol-but. Jghid li pparkja ezatt quddiem id-distributur tal-gass, hallsu, gie moghti c-cilindri, dan ghenu jdahhal ic-cilindri fil-vettura, ghalaq il-bagoll u telaq. Jghid li wara jumejn gie nfurmat li dik il-karta tal-flus li hallas biha kienet falza u jispjega: *"jiena l-verita' hallast b'karta ta' mitt Euro lil dan ir-ragel pero la qalli li kienet, dakinhar ma qalli xejn, ma nafx x'gara"* (*a fol.* 44). Spjega li hu gie li jbiegh xi affarijiet jew ipartat. Jixhed li din il-karta tal-flus setghet giet ghandu meta kien xtara *generator* li ma kienx jahdem u nghata l-flus lura f'karti differenti minn persuna barranija.

In kontro-ezami mistoqsi jghid jekk kellux aktar flus ta' cifra izghar meta mar jixtri l-gass, wiegeb hekk: *"Iva kelli aktar flus, in fatti dik il-karta kienet l-akbar karta, ghalhekk kienet fil-qiegh u meta twejthom giet l-ewwel wahda"* (*a fol.* 45).

**Ikkunsidrat**

Illi minn qari tan-Nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 40), fejn huwa jindika taht liema artikoli, skond hu, ghandha tinstab htija fl-imputat, jirrizulta li l-Avukat Generali jiccita Artikoli 45(1) u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghal sentenza moghtija fl-10 ta' Gunju 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Paul Azzopardi**, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali ezaminat l-elementi ta' dawn iz-zewg reati, b'mod partikolari r-reat taht Artikolu 45 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta. F'din is-sentenza, il-Qorti qalet hekk :

> "Il-konsapevolezza li trid tigi pruvata ghall-htija tar-reat kif jirrizulta mid-dispozizzjoni principali tal-artikolu 45(1) u l-konsapevolezza li dwarha jitkellem il-proviso fl-istess sub-inciz jirrigwardaw mumenti diversi tad-dinamika tal-fatti. Il-konsapevolezza mehtiega ghall-prova tar-reita' skont id-dispozizzjoni principali imsemmija tirrigwarda l-mument li l-awtur "imexxi biljett tal-flus falsifikat" u *di fatti* l-ligi tghid "…imexxi biljett tal-flus li jkun jaf li hu falsifikat" (sottolinear f'kull kaz tal-Qorti). Hawnhekk l-artiklu ma jikkontempla ebda spostament tal-piz tal-prova u ghalhekk, ghall-fini ta' htija tar-reat previst fl-artikolu 45(1) tal-Kap 204, il-piz tal-prova tal-konsapevolezza da parti tal-awtur tal-falsita' tal-biljett ta' flus li kien qieghed imexxi jibqa' skont l-istess artikolu jinkombi fuq il-prosekuzzjoni. Minn naha l-ohra, il-konsapevolezza li dwarha jitkellem il-proviso tal-istess artikolu jirrigwarda l-mument precedenti l-ispaccjar jew tmexxija tal-biljett falsifikat u cioé il-mument li l-

awtur gie fil-pussess tal-biljett falsifikat tant li l-proviso jghid "… fiz-zmien li fih gie f'idejha jew fil-pussess taghha ma kienetx taf li kien falsifikat" u huwa car li dan l-proviso qieghed jindirizza l-kwistjoni tal-piena u mhux tal-htija jew reita' ghar-reat li trid tkun giet stabbilita a tenur tad-dispozizzjoni principali li ghar-rigward taghha, u cioé tal-htija ghar-reat, l-ligi ma tikkontempla ebda spostament tal-piz tal-prova li ghalhekk jibqa' jinkombi fuq il-prosekuzzjoni.

Fi ftit kliem, ghall-finijiet ta' htija ghar-reat ipotizzat fl-Artikolu 45(1) tal-Kap 204, konsistenti fi spaccjar jew tmexxija ta' biljett jew biljetti ta' flus iffalsifikati, il-prova li fil-mument tal-ispaccjar jew tmexxija tal-biljett falz ta' flus l-awtur kien konsapevoli li l-biljett kien wiehed falz tispetta lill-prosekuzzjoni. Jekk, izda, l-imputat jipprova li meta rcieva jew gie fil-pussess tal-flus, u cioé qabel il-mument li gie biex jghaddihom lil haddiehor, huwa ma kienx jaf li l-flus kienu foloz allura ghall-finijet ta' piena ghar-reat ta' spaccjar jew tmexxija ta' flus foloz jiggwadanja minn riduzzjoni billi l-minimu tal-piena minn sentejn isir xahrejn prigunerija waqt li l-massimu tal-piena minn disa' snin isir tlett snin. L-artikolu 45(1) huwa intiz li jkopri zewg sitwazzonijiet: l-ewwel wahda fejn persuna tircievi biljett falz ta' flus bil-konsapevolezza li kien falz meta rcevietu u imbaghad tmexxi l-biljett falz meta evidentement kienet konsapevoli li kien falz, u hawnhekk il-ligi tipprovdi ghall-piena fir-rigur taghha; u t-tieni sitwazzjoni hi fejn persuna tircievi biljett falz minghajr ma kienet konsapevoli li kien falz fil-mument li tircevih izda ssir taf li kien falz wara li rcevietu u tkun taf li hu falz meta tmexxih lil haddiehor, u f'din l-ipotesi l-ligi tipprovdi ghal mitigazzjoni tal-piena u huwa biss f'dan ir-rigward u cioè sabiex l-awtur ikun jista' jibbenefika minn din il-mitigazzjoni tal-piena, li l-ligi timponi fuq l-imputat il-piz tal-prova tan-non-konsapevolezza tal-falsita' tal-biljett falz fil-mument li rcevih".

Jirrizulta li Giuseppi Mizzi kien inghata struzzjonijiet minn George Debono biex meta jigi mhallas b'karta ta' mitt Euro (€ 100.00) huwa jiehu n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura in kwistjoni, kif fil-fatt ghamel f'dan il-kaz.

Illi, minn qari tal-atti processwali, jirrizulta li **hadd** ma identifika fl-ebda mument li l-karta tal-mitt Euro (€ 100.00) li hallas biha l-imputat lil Giuseppi Mizzi hija l-istess wahda li giet ezebita f'dawn il-proceduri (Dok. "JV 5" – *a fol.* 17). A bazi ta' dan biss, il-Qorti mhijiex tal-ferma konvinzjoni li gie pruvat 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-karta ta' mitt Euro (€ 100.00) in kwistjoni f'dawn il-proceduri u li giet pruvata falza kienet il-karta li l-imputat hallas biha lil Mizzi dakinhar tas-17 ta' Novembru 2012.

Illi, kieku ghall-grazzja tal-argument, u ghall-grazzja tal-argument **BISS**, kellu jirrizulta li l-karta ta' mitt Euro (€ 100.00) li giet ezebita f'dawn il-proceduri kienet l-istess wahda li hallas biha l-imputat, ghandu jigi kkunsidrat jekk il-Prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova li fil-mument li l-imputat mexxa l-biljett ta' mitt Euro (€ 100.00) in kwistjoni kienx konsapevoli tal-fatt li l-istess biljett kien falz u, kif inghad, skont il-ligi l-piz tal-prova ta' dan l-element tar-reat jinkombi fuq il-Prosekuzzoni u mhux fuq l-imputat. Da parte tieghu, l-imputat spjega kif huwa gab mill-gakketta l-karta tal-flus in kwistjoni li hallas biha dakinhar tal-akkadut u spjega wkoll li kien jithallas l-*overtime* bi flus kontanti u li huwa gie li jbiegh xi affarijiet jew ipartat u li darba minnhom inghata flus lura f'karti differenti ta' flus wara li xtara *generator* li ma kienx jahdem. Il-Qorti tinnota li dak li l-imputat qal meta irrilaxxa l-istqarrija (Dok. "JV 3" – *a fol.* 14 *et seq.*) tieghu lill-Pulizija, liema stqarrija ttiehdet minghajr ma' l-imputat kkonsulta ma' avukat ghax irrinunzja ghal dan id-dritt, l-imputat baqa' fuq l-istess linji ta' meta xehed quddiem il-Qorti. Mistoqsi minn fejn gab din il-karta ta' mitt Euro (€ 100.00), iwiegeb li ma jafx.

Illi l-Qorti tinnota li minkejja li l-imputat innifsu kkonferma li huwa hallas b'mitt Euro (€ 100.00) u minkejja li Giuseppi Mizzi jghid li dakinhar tal-akkadut kien ircieva karta wahda biss ta' mitt Euro (€ 100.00), liema fatt huwa konfermat ukoll minn George Debono meta gie moghti l-flus minn Giuseppi Mizzi, jibqa' l-fatt li meta Giuseppi Mizzi rcieva l-karta in kwistjoni, huwa ccekkjaha u ma sab xejn hazin fiha! Kien biss George Debono li nduna li l-karta li tah Mizzi kien wahda falza.

Illi, tenut kont ta' dan, il-Qorti mhijiex f'qaghda li tinferixxi li l-imputat minghajr dubbju dettat mir-raguni kien konsapevoli tal-falsita' tal-karta ta' flus in kwistjoni (dejjem jekk dik ezebita fl-atti ta' dawn il-proceduri kienet l-istess wahda li l-imputat hallas biha) fil-mument li huwa mexxa l-istess karta ta' flus. *Di fatti*, jekk dan kien il-kaz, lanqas Giuseppi Mizzi ma nduna li l-karta tal-flus in kwistjoni kienet wahda falza! Ghaldaqstant, il-Qorti hi tal-fehma li l-element formali tar-reat taht l-ewwel (1) imputazzjoni ma giex sodisfacentement pruvat mill-Prosekuzzjoni minghajr dubbju dettat mir-raguni u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, b'mod partikolari fejn inghad li l-Qorti mhijiex tal-ferma konvinzjoni li gie pruvat 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-karta ta' mitt Euro (€ 100.00) ezebita f'dawn il-proceduri u li giet pruvata falza kienet l-istess karta li l-imputat hallas biha lil Mizzi dakinhar tas-17 ta' Novembru 2012, il-Qorti, f'kaz li kellha tikkunsidra li l-karta ta' mitt Euro (€ 100.00) ezebita kienet l-istess wahda li hallas biha l-imputat, tinnota li minn dak li nghad hawn fuq u mill-provi prodotti, ma jirrizulta bl-ebda mod li fil-mument li l-imputat rcieva l-karta tal-flus in kwistjoni jew tul il-kors kollu ta' zmien li kien fil-kustodja jew pussess taghha huwa kien f'xi mument konsapevoli tal-falsita' taghha. Ghaldaqstant, lanqas it-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser tigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Graham Calleja hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

Fl-ahhar nett, il-Qorti tordna li l-karta ta' mitt Euro (€ 100.00) (Dok. "JV 5" – *a fol.* 17) ghandha a kura tar-Registratur tal-Qorti tigi konsenjata lil persuna inkarigata minn dan fil-Bank Centrali ta' Malta, sabiex wara li l-istess Bank jifliha, jew jeqridha jew isir xort'ohra minnha b'dak il-mod u taht dawk il-kondizzjonijiet li l-Bank jista' jiddeciedi dwarha kif previst fl-Artikolu 50(3)(4) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------